

Brussell, 9 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7103/26

DELECT 46
VETER 29
AGRILEG 42

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 1412 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'6.3.2026 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2023/361 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-użu ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 1412 final.

Mehmuż: C(2026) 1412 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.3.2026
C(2026) 1412 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'6.3.2026

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2023/361 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-użu ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") jistabbilixxi regoli dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali. B'mod partikolari, il-Kapitolu 2 tal-Parti III tiegħu jistabbilixxi r-regoli għall-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard.

Il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati li jissupplimentaw ir-regoli dwar dak il-qasam stabbiliti f'dak ir-Regolament.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/361 tat-28 ta' Novembru 2022 jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-regoli dwar l-użu ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat. Fost l-oħrajn, dan jipprevedi regoli dettaljati u speċifiċi dwar l-użu fl-Unjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji fir-rigward tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(a) ("il-mard tal-kategorija A") tar-Regolament (UE) 2016/429 fl-annimali terrestri miżmuma u selvaġġi.

Dan ir-Regolament jaġġorna r-regoli fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/361, filwaqt li jqis l-għarfien xjentifiku ġdid disponibbli u l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli. Joffri possibbiltajiet ġodda u jżid iċ-ċarezza u l-konsistenza fir-rekwiżiti għall-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji immunoloġiċi għall-prevenzjoni tal-mard u l-kontroll tal-mard tal-kategorija A.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni kellha diversi laqgħat u skambji mal-Grupp ta' Esperti dwar is-saħħa tal-annimali (E00930). L-abbozz tar-Regolament delegat tqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u l-ebda istituzzjoni ma kkummentat dwaru. Saru għadd ta' laqgħat ma' firxa ta' partijiet ikkonċernati bħala parti mill-Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa tal-Annimali, li fihom ġew spjegati u diskussi l-elementi ewlenin tal-abbozz tal-att.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat għandu jiġi adottat skont ir-Regolament (UE) 2016/429, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(1) tiegħu.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'6.3.2026

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2023/361 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-użu ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(1)(b) u (c) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/361² jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-regoli dwar l-użu ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat. Fost l-oħrajn, dan jipprevedi regoli dettaljati u speċifiċi dwar l-użu fl-Unjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji fir-rigward tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(a) ("il-mard tal-kategorija A") tar-Regolament (UE) 2016/429 fl-annimali terrestri miżmuma u selvaġġi.
- (2) L-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361 jistabilixxi d-definizzjonijiet tat-termini użati f'dak ir-Regolament, inkluża dik ta' "perjodu ta' rkupru". Wara t-tlestija tat-tilqim protettiv ta' emerġenza, strateġija ta' ħruġ jenħtieġ li tippermetti lill-Istati Membri juru n-nuqqas ta' infezzjoni qabel ma jkunu jistgħu jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq il-movimenti tal-annimali u l-prodotti tagħhom. Tali strateġija ta' ħruġ jenħtieġ li tikkonsisti f'sorveljanza klinika u tal-laboratorju msaħħa speċifika matul perjodu ta' stennija definit minn qabel għal kull marda speċifika tal-kategorija A. Ma hemm l-ebda status ta' ħelsien mill-mard għall-mard tal-kategorija A fir-regoli tal-UE, u għalhekk it-terminu "perjodu ta' rkupru", li jirreferi għall-irkupru ta' status ta' ħelsien mill-mard, jenħtieġ li jiġi sostitwit bit-terminu "perjodu ta' stennija". Jenħtieġ li d-definizzjoni tiegħu tiġi aġġornata u l-Artikolu 2 jiġi emendat kif xieraq, kif ukoll it-titolu u l-punt (1) tal-Artikolu 16.

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj>).

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/361 tat-28 ta' Novembru 2022 jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-regoli dwar l-użu ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 52, 20.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/361/oj).

- (3) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Annessi rilevanti speċifiċi għall-mard jiddeskrivu fil-Partijiet 4 tagħhom il-kundizzjonijiet rispettivi għal dan il-perjodu ta' stennija u ma jirreferux għall-istatus tas-saħħa tal-annimali, inkluż l-istatus mogħti mid-WOAH. Għalhekk, jenħtieġ li l-annessi kollha speċifiċi għall-mard jiġu emendati kif xieraq biex jinkludu din il-bidla kunċettwali.
- (4) L-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361 jelenka l-prodotti mediċinali veterinarji projbiti għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-kategoriji A u B. Il-Parti 3 tal-Anness I telenka l-mard li għalih huwa permess xi tip speċifiku ta' prodotti mediċinali veterinarji, u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom; kemm it-tip kif ukoll l-użu jenħtieġ li jikkonformaw ma' din il-Parti 3 tal-Anness I, u jenħtieġ li dan jiġi ddikjarat b'mod ċar fl-Artikolu 4.
- (5) L-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361 jistabbilixxi strateġiji ta' tilqim għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-Kategorija A u jiddistingwi bejn l-istrateġiji tat-tilqim ta' emerġenza u preventivi. L-esperjenza miksuba mill-pjanijiet ta' tilqim applikati fuq il-post turi li t-tilqim protettiv ta' emerġenza jista' jiġi applikat meta jseħħu tifqigħat ta' marda elenkata f'żoni fejn it-tilqim preventiv kontra dik il-marda jkun diġà implimentat. Sabiex jiġi evitat nuqqas ta' fehim, l-implimentazzjoni tat-tilqim protettiv ta' emerġenza jenħtieġ li tiġi ċċarata fl-Artikolu 7, u jenħtieġ li jiġi introdott xi test ta' spjegazzjoni biex jispjega li l-pjan ta' tilqim preventiv jista' jkompli jiġi implimentat f'żona ristretta, sakemm l-awtorità kompetenti ma tiddeċidix li tapplika tilqim ta' emerġenza.
- (6) Matul ir-rieżami tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361, l-Artikolu 13 tqies bħala mhux ċar u jenħtieġ li jiġi emendat għaċ-ċarezza: il-paragrafi 1 sa 4 jenħtieġ li ma jistabbilixxux fid-dettall liema annimali jew prodotti huma pprojbiti u jistgħu jiġu mċaqilqa, u jenħtieġ li jirreferu b'mod ċar għall-partijiet rilevanti tal-annessi għad-dettalji, u l-paragrafu 6 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jispjega aħjar ir-restrizzjonijiet f'konformità mal-paragrafi 1 sa 5 ta' dak l-Artikolu, li japplikaw simultanjament maż-żoni ristretti f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.
- (7) Matul ir-rieżami tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361, ġie nnotat li għaċ-ċarezza, l-Artikolu 14(2)(a) jenħtieġ li jinkludi referenza għall-Artikolu 13(1) li jelenka l-annimali u l-prodotti soġġetti għal projbizzjoni.
- (8) Ir-Regolament Delegat (UE) 2023/361 jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi, fl-annessi rispettivi speċifiċi għall-mard, għal kull marda tal-kategorija A abbażi tal-esperjenza u d-data li kienet disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tiegħu. Għall-mard li għalih ma kienx hemm biżżejjed esperjenza u data disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tiegħu, ma setgħux jiġu pprovduti miżuri speċifiċi għall-mard.
- (9) Għall-Marda tal-Ilsien u d-Dwiefer (FMD, Foot-and-Mouth Disease), it-tifqigħat reċenti pprovdew informazzjoni rilevanti għad-diffikultajiet fl-użu tat-tilqim protettiv u l-ħtieġa li jiġi ċċarat fl-Anness VII li l-annimali kollha tal-ispeċijiet elenkati kienu kkonċernati mill-projbizzjoni, kif kellha tiġi implimentata s-sorveljanza u skont liema kundizzjonijiet setgħu jingħataw derogi għall-projbizzjoni.
- (10) Għall-Marda tal-Infafet fil-Ġilda (LSD, Lumpy Skin Disease), l-esperjenza reċenti fuq il-post u d-data xjentifika pprovdew aktar informazzjoni u evidenza li jenħtieġ li jitqiesu fl-Anness IX għall-kundizzjonijiet relatati maż-żoni tat-tilqim, u r-restrizzjonijiet relatati u l-perjodu ta' stennija qabel ma jitneħħew.
- (11) Għad-Deni Klassiku tal-Ħnieżer (CSF, Classical Swine Fever), jenħtieġ li tintuża d-data xjentifika disponibbli aġġornata biex jiġu aġġornati l-kundizzjonijiet għat-tilqim

tal-ħnieżer domestiċi fl-Anness XII u jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi għat-tilqim tal-ħnieżer selvaġġi f'anness ġdid.

- (12) Għall-Influenza Avjarja b'Patoġeniċità Għolja (HPAI, Highly Pathogenic Avian Influenza), l-esperjenza reċenti tal-implimentazzjoni fuq il-post tat-tilqim tal-pollam, kif ukoll id-data xjentifika dwar it-tilqim, il-mitigazzjoni tar-riskju u s-sorveljanza, inkluża opinjoni xjentifika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA, European Food Safety Authority), ipprovdiet biżżejjed informazzjoni biex jiġu emendati u aġġornati l-kundizzjonijiet speċifiċi fl-Anness XIII għar-restrizzjonijiet, id-derogi, u s-sorveljanza, b'mod partikolari meta jiġi applikat it-tilqim preventiv.
- (13) Għad-Deni tal-Ħnieżer Afrikan (ASF, African Swine Fever), għalkemm bħalissa ma hemm l-ebda vaċċin effettiv u sikur disponibbli, fid-dawl tar-rapporti reċenti tal-EFSA u tad-data xjentifika aġġornata dwar il-vaċċini inklużi fil-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Animali Terrestri tad-WOAH, jenħtieġ li jiżdiedu annessi ġodda biex jiddeskrivu l-kundizzjonijiet għall-użu ta' tali vaċċini, ladarba jkun disponibbli, rispettivament fil-ħnieżer domestiċi u selvaġġi.
- (14) Għall-Ġidri tan-Nagħaġ u l-Ġidri tal-Mogħoż (SPGP, Sheep Pox and Goat Pox), il-ġustifikazzjonijiet xjentifiċi għall-modifika tal-kapitoli rilevanti tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Animali Terrestri tad-WOAH ipprovdew biżżejjed data biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi f'anness ġdid.
- (15) Għall-konsistenza bejn l-Artikoli u l-Annessi, in-numerazzjoni jenħtieġ li tiġi emendata minħabba żidiet jew tħassir ta' punti, u minħabba ż-żieda ta' Annessi ġodda.
- (16) Fl-aħħar nett, l-iżbalji editorjali fl-Artikolu 3(2) jenħtieġ li jiġu kkoreġuti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emendi

Ir-Regolament Delegat (UE) 2023/361 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2(1), il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(j) “perjodu ta' stennija” tfisser il-perjodu ta' żmien meħtieġ biex jintwera n-nuqqas tal-marda tal-kategorija A wara li jkun sar tilqim protettiv ta' emerġenza kontra l-marda f'żona tat-tilqim;”
2. Fl-Artikolu 4, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu tal-prodotti mediċinali veterinarji li ġejjin fl-animali għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-kategoriji A u B sakemm ma jintużawx għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard elenkat fil-Parti 3 tal-Anness I u t-tip u l-użu tagħhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fih.”
3. Fl-Artikolu 7(1), il-punt (a)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ii) tilqim protettiv ta' emerġenza, implimentat b'rispons għal tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, u li jitwettaq fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

 - animali terrestri f'riskju ta' infezzjoni li jinżammu fi stabbilimenti li jinsabu fi Stati Membri affettwati jew f'żoni tagħhom, li fihom ma jkunx ġie kkonfermat u lanqas issuspettat mard tal-kategorija A f'konformità mal-Artikolu 6(1) u mal-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;

- b’rispons għal bidla fir-riskju tal-introduzzjoni ta’ marda tal-kategorija A fi Stat Membru mhux affettwat jew f’żona tiegħu;
- annimali ekwini soġġetti għad-deroga prevista fil-punt 1 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;”

4. Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. L-awtorità kompetenti tista’ timplimenta l-istrategġiji msemmija fil-paragrafu 1 simultanament jew b’mod konsekuttiv f’popolazzjonijiet differenti ta’ annimali terrestri miżmuma u selvaġġi, f’żoni differenti u f’żoni ġeografiċi differenti u f’punti ta’ żmien differenti matul tifqigħa, u tista’ tvarja l-istrategġiji applikati skont iż-żona, l-ispeċijiet affettwati jew karatteristiċi ta’ definizzjoni oħrajn. F’każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha tinkludi l-istrategġiji kollha applikati simultanament jew b’mod konsekuttiv fil-pjan uffiċjali ta’ tilqim wara l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (a).

Meta żona fejn jiġi implimentat it-tilqim preventiv f’konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b), tiġi affettwata mill-marda tal-kategorija A rilevanti u taqa’ taħt żona ristretta stabbilita f’konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, il-pjan ta’ tilqim preventiv jista’ jkompli jiġi implimentat sakemm l-awtorità kompetenti ma tiddeċidix li tapplika tilqim ta’ emerġenza bħala rispons għar-riskju akbar.”

5. L-Artikolu 13 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 13

Miżuri ta’ mitigazzjoni tar-riskju fiż-żona tat-tilqim meta jiġu implimentati tilqim protettiv ta’ emerġenza u tilqim ta’ emerġenza f’annimali selvaġġi

1. Meta timplimenta tilqim protettiv ta’ emerġenza, l-awtorità kompetenti għandha tipprobixxi:
 - (a) il-movimenti tal-annimali u tal-prodotti tagħhom stabbiliti fil-Parti 3, il-punt 1, tal-Annessi VII sa XVIII;
 - (b) il-ġbir tal-prodotti ġerminali minn annimali stabbiliti fil-Parti 3, il-punt 2, tal-Annessi VII sa XVIII; (c) fin-nuqqas ta’ kundizzjonijiet speċifiċi għall-mard stabbiliti fil-Parti 3, tal-Annessi VII sa XVIII, il-movimenti ta’:
 - (i) annimali mlaqqmin mill-istabbiliment fejn ikunu tlaqqmu;
 - (ii) prodotti minn annimali mlaqqmin mill-istabbilimenti tal-produzzjoni u/jew tal-ipproċessar.
2. B’deroga mill-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtorità kompetenti tista’ tippermetti l-movimenti tal-annimali, jew:
 - (a) jekk ikunu soġġetti għal qtil obligatorju wara t-tilqim, f’konformità mal-pjan uffiċjali ta’ tilqim imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (b), u jiġu mċaqilqa biex jinqatlu fl-eqreb post xieraq;

jew

 - (b) jekk ma jkunux soġġetti għal qtil obligatorju wara t-tilqim, f’konformità mal-pjan uffiċjali ta’ tilqim imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (b), u jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Parti 3, il-punt 3, tal-Annessi VII sa XVIII.

3. B’deroga mill-paragrafu 1, il-punt (a), l-awtorità kompetenti tista’ tippermetti l-movimenti ta’ prodotti tal-annimali mill-istabbiliment tal-produzzjoni u/jew tal-ipproċessar f’konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Parti 3, il-punt 3, tal-Annessi VII sa XVIII.
4. B’deroga mill-paragrafu 1, il-punt (b), l-awtorità kompetenti tista’ tippermetti l-ġbir ta’ prodotti ġerminali f’konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Parti 3, il-punt (3), tal-Annessi VII sa XVIII.
5. Meta timplimenta t-tilqim ta’ emerġenza f’annimali selvaġġi, l-awtorità kompetenti għandha tapplika fiż-żona tat-tilqim ir-restrizzjonijiet speċifiċi għall-mard u miżuri oħra ta’ mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti fil-Parti 3 tal-Annessi VII sa XVIII għall-marda rilevanti, fejn previst speċifikament għat-tilqim ta’ emerġenza f’annimali selvaġġi.
6. F’żoni tat-tilqim li jinsabu f’żona ristretta f’konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, ir-restrizzjonijiet u miżuri oħra ta’ mitigazzjoni tar-riskju previsti fil-paragrafi 1 u 5 għandhom japplikaw flimkien mal-miżuri applikabbli għal:
 - (a) żoni ta’ protezzjoni u ta’ sorveljanza u żoni ristretti oħra fejn applikabbli, stabbiliti f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 fil-każ ta’ tifqigħa ta’ marda tal-kategorija A f’annimali terrestri miżmuma, sakemm jitneħħew f’konformità mal-Artikoli 39 u 55 ta’ dak ir-Regolament;
 - (b) żoni infettati stabbiliti f’konformità mal-Artikolu 63(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 fil-każ ta’ tifqigħa ta’ marda tal-kategorija A f’annimali selvaġġi, sakemm jitneħħew f’konformità mal-Artikolu 67 ta’ dak ir-Regolament;
 - (c) żoni ristretti stabbiliti skont il-miżuri ta’ emerġenza previsti fl-Artikoli 71, 257 u 258 tar-Regolament (UE) 2016/429, u kwalunkwe regola adottata skont l-Artikolu 71(3) u l-Artikolu 259 ta’ dak ir-Regolament sakemm jitneħħew dawk il-miżuri.
7. Il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 5 għandhom ikomplu japplikaw wara li jkun tneħħew il-miżuri msemmija fil-paragrafu 6.”
6. Fl-Artikolu 14(2), il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(a) ma jkunux inklużi fil-lista ta’ annimali u prodotti, imsemmija fl-Artikolu 13(1), il-punti (a) u (b);”
7. Fit-titolu tat-Taqsima 2 u fit-titolu u fil-punt (1) tal-Artikolu 16, “rkupru” hija sostitwita bi “stennija”.
8. Fl-Artikolu 9(4), fl-Artikolu 10(1), fl-Artikolu 10(2), fl-Artikolu 14(2), fl-Artikolu 16(1) u fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 16(2), “XIV” hija sostitwita bi “XVIII”.
9. L-Annessi VIII, X, XI u XIV tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361 huma emendati f’konformità mal-Parti 1 tal-Anness ta’ dan ir-Regolament.
10. L-Annessi VII, IX, XII u XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361 huma sostitwiti bit-test stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness ta’ dan ir-Regolament.
11. L-Annessi l-ġodda XV, XVI, XVII u XVIII jiżdedu mar-Regolament Delegat (UE) 2023/361 f’konformità mal-Parti 3 tal-Anness ta’ dan ir-Regolament.

12. Il-Lista ta' Annessi tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361 hija sostitwita bit-test stabbilit fil-Parti 4 tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2
Korrezzjoni

Ir-Regolament Delegat (UE) 2023/361 huwa kkoreġut kif ġej:

Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “2. Il-kundizzjonijiet għall-użu ta' vaċċini kontra l-mard tal-kategorija A, ma għandhomx japplikaw għal ċerti użi ta' vaċċini kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle, b'mod partikolari għall-użu ta' prekawzjoni ta' rutina jew għall-użu fil-qafas tal-kummerċ, li l-Istati Membri jistgħu jippermettu irrispettivament mill-miżuri uffċjali ta' prevenzjoni u ta' kontroll tal-mard imsemmija fil-paragrafu 1, għal finijiet oħra għajr ir-rispons għal tifqigħa.”

Artikolu 3
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6.3.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN